las-sil min jagħtihulha. U jien li ma nagħtihx, qatt ma ħadt l-ebda ħsieb minn għand id-dinja; mhux biss, imma minn fuq id-dinja żammitni bħala wieħed żawwali li ma jixraqlux jindieħes man-nies kif tridhom id-dinja. L-unuri qatt ma fittixthom, u għalhekk jekk id-dinja żżommni bi dħuli jew żorr xejn ma jolqotni. Ħaġa waħda tolqotni fil-laħam il-ħaj, li l-kelma tiegħi fuq ħwejjeġ ta' tagħlim qatt ma kienet mismugħa. Mismugħa u milqugħa l-kelma, tajba jew ħażina, ta' min għandu lsienu tal-għasel; imma l-kelma tiegħi, li kienet dejjem il-kelma tal-fatti, anqas biss ma daħlet minn widna biex toħroġ mill-oħra. U dan għalija kien u għadu telf kbir. Jirbaħ mhux min għandu raġun, imma min għandu l-aħjar armi, u l-aħjar armi, l-armi li bihom tiġġieled id-dinja, mhumiex f'idejja.

* * *

Wara li kxift lili nnifsi bit-tajjeb u n-nuqqasijiet tiegħi, darb'oħra nuri kif dħalt għax-xogħol, xi ħdimt u ma' liema tfixkil iltqajt.

---

## BĦALL-WERAQ....

*Ta'* Ġużè Chetcuti

Rajthom jitriegħdu l-weraq
maż-żiffa ta' fl-għaxija?
Iva, rajthom jitbandlu
f'żifna t'għors u tgawdija.

Rajthom neżlin il-weraq
minn ħdan ommhom
[maqtugħa?
Iva, rajthom jitgerbu,
bla lewn, ma' l-art mitfugħa.

Bħalhom kienet tħaddar
il-ħajja ta' tfuliti,
u bħalhom għext fil-hena
f'-ħolma ta' żgħużiti.

Illum, għalkemm fix-xefaq,
ix-xemx għadha titlajja,
u ftit tad-dija tixgħel
fid-dlam ta' din il-ħajja,

Inħoss it-toqol jagħfas,
l-imrar qiegħed jiżdied,
flok daħk insib il-biki,
flok il-ftehim il-ġlied,

Rajthom maż-żiffa nieżla
il-weraq tal-ħarifa?
Hekk din il-Ħajja għaddejja,
Dell ta' ħolma ħafifa.

23. 8. 53.



## IL-LABTU TAL-MADONNA

*Ta'* Beneditt M. Caruana, O. Carm.

Omm Alla, kbira, mqaddsa,
Bint Ibnek, il-maħbub,
Li tajtna biex jeħlisna
Mill-hemm qalil tad-dnub,
Int biss fost dawn id-dwejjaq
Balzmu tal-qalb li jfejjaq
L-uġigħ, il-ġrieħi, l-mard.

Int qawwa ta' l-insara,
Int saħħa tad-dgħajfin,
Fik qlubna l-għaxqa jsibu,
Fik ħniena l-midinbin;
Int għajn ta' grazzji wtiqa,
Li xxabba' b'xita sfiqa
Il-wiċċ ta' dina l-art.

Marija, fejn ifittex
Il-bniedem serħ il-qalb?
Jekk fik ma jsibx il-faraġ
Lejn min idur fit-talb?
O Verġni, f'min jittama
L-imsejken, ħati u agħma,
F'dal-wied ta' mrar u dmugħ?

Min qatt it-tama qiegħed
Fik u ma sabx is-serħ?
Min għandek ġie u qalbu
Ma mtlietx bl-hena u l-ferħ?
F'kull għawġ li nikket qalbna
Lejk aħna għolleina talbna
U dejjem kien milqugħ.

Elija mill-Karmelu
Lemħek bħal għajn ta' ġid,
Sabiħa, qatt mittiefsa,
Fi ġmiel għal kollox ġdid;
Kollok imħabba u ħniena
Bħal Omm li trid timliena
B'riżq is-sema kull waqt.

U ħadt f'idejk dik l-għolja,
Li ssaħħar kull maħluq
Bil-ġmiel tal-ward u l-ħdura;
It-tron tiegħek hemm fuq
Waqqaft, u dik is-siegħa,
Ir-rhieb li għammru fiha
B'kull barka Int seddaqt.

Bħal Omm l-iżjed maħbuba
L-Ordni f'idejk irfajt,
Sew bħal tarbija ħelwa;
Ismek Inti lilu tajt,
B'kull ġid u hena mlejtu,
U kemm tassew ħabbejtu
Urejt bl-egħġubijiet.

U meta qam il-baħar
U venven riħ qalil,
Li ried iqaċċat, jobrom
U jeqred fit-taħbil
Lill-Ordni mqaddes tiegħek,
Meddejt il-qawwi driegħek,
Ħaristu mis-smewwiet.

Għażilt bniedem qalbieni,
Qaddis, minnek maħbub,
Biex jeħles lil dawn ħutek
Minn ħalq il-kiefra lpup:
Għażilt lit-twajjeb Xmuni,
Kif Alla 'l Ġedejuni,
Bniedem qawwi u felħan,

Kien bagħat biex jifdi 'l ħutu
Mill-għadu mqit: u nżilt,
Għat-talba mħeġġa tiegħu,
U lilu fis newwilt
Mis-sema dik it-tarka
Ta' qawwa, saħħa u barka;
Għamiltu dlonk ferħan.